KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi
B'Urġenza

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 444 (8-72) b'urġenza

L-Erbgħa 14 ta' Settembru 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' b'urġenza fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Kurstein Sant
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

### Ittri ta' apoloġija

Is-Sindku preżenta ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Kurstein Sant, Franmcine Farrugia u Gillian Farrugia Pace.

**444.1** **Arranġament tat-traffiku fi Triq is-Siġġiewi ma' Triq Papa Pawlu VI**

444.1.1 Is-Sindku rrefera għal proposta tal-arranġament tat-traffiku imressqa għand TM għall-approvazzjoni u r-risposta b'referenza 09/TMD/23/23, li tgħid "*in accordance with the Motor Vehicle Regulations S.L.65.11 Clause 79 (b), no parking is allowed around a roundabout and Clause 79 (g) no parking within 5 metres from corner/turning. To this effect, the applicant may wish tp submit revised drawings*."

444.1.2 Is-Sindku qal li l-klawsola li jitneħħew il-parkeġġi toħloq problema lir-residenti taż-żona u toqtol in-negozji li hemm. Għaldaqstant, propona arrabġament alternattiv, li jkun jista jservi ta' 'traffic calming measure' iżda li il-parkeġġi ma jitneħħewx, bħal roundabout b'dijametru iżgħar u sinjali/marki biex jiġi organizzat it-traffiku u jkun ta' gwida għas-sewwieqa.

444.1.3 Il-Kunsillier Julian Borg qal li kif qegħda bħalissa, m'hemm l-ebda sens ta' direzzjoni u hemm abbuż kbir ta' overspeeding u tidwir fil-fetha eżistenti. Hu qal li rounadbout impenġija sservi bħala gwida iżda mhux biex tikkontrolla l-veloċita. Ġie propost li l-belisha crossings diġa fil-proposta jkunu humped. Il-Kunsillier Borg qal li f'din il-fażi ta' xogħolijiet minn Infrastructure Malta huwa mpostanti li jilħqu jgħaddu l-wiring għal belisha lights biex wara ma' jerġax ikun hemm tqattiegħ u spejjeż żejda.

444.1.4 Is-Sindku propona laqgħa b'urġenza fuq il-post ma' TM biex tiġi diskussa l-aħjar alternattiva mill-iktar fis possibbli. Il-kunsill unanimament qabel.

**444.2** **Talba għall-użu tas-Sala taċ-Ċentru Ċiviku mill-PL**

442.2.1 Is-Sindku qal li l-uffiċċju rċieva talba għall-użu tas-Sala tal-Kunsill nhar l-4 t'ottubru 2023 mill-Partit Laburista għal workshop. Huwa qal li is-Segretarju Eżekuttiv talbet li peress li t-taba hija minn partit politiku jkun hemm il-kunsens tal-Kunsill dwar dan.

442.2.2 Il-Kunsillier Julian Borg qal li huwa fl-interess tal-kunsill li jitqanqal interess fil-politika mar-residenti u għaldaqstant hija ħaġa pożittiva li ċentru ċiviku jintuża għal attivitajiet simili. Huwa qal li iċ-ċentru ċiviku għandu jintuża bħala ħub ta' informazzjoni u laqgħat informattivi u għaldaqstant, anka wara li tkellem mal-Kunsilliera Francine Farrugia u Gillian Farrugia Pace dwar dan, ma jsibu l-ebda oġġezzjoni għall-attivita' mitluba. Il-Kunsill unanimament qabel li tintlaqa' t-talba.

442.2.3 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tinforma lil min għamel it-talba u jsir koordinament.

Il-laqgħa intemmet fis-6.20pm.

Konfermati, illum 25 ta' Settembru 2023

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv